

Brussell, 22 ta' April 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0226 (COD)

17037/1/25
REV 1 ADD 1

AGRI 736
AGRILEG 210
ENV 1429
PI 233
CODEC 2178
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fil-21 ta' April 2026

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs) u prodotti tal-ikel u l-għalf tagħhom.¹ Il-proposta kienet ippreżentata lill-Kunsill fis-6 ta' Lulju 2023.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 43, 114 u 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva ordinarja).
3. Kemm il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) kif ukoll il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) ġew ikkonsultati. Il-KESE ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2023². Il-KtR ta l-opinjoni tiegħu fl-17 ta' April 2024³.
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) għandu r-responsabbiltà ewlenija, filwaqt li l-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) huwa assoċjat. Is-Sa Jessica Polfjärd (PPE, l-Iżvezja) inġatret mill-ġdid bħala rapporteur. Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024⁴.
5. Il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt rilevanti ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Riżorsi Ġenetiċi u Innovazzjoni fl-Agricoltura (Innovazzjoni fl-Agricoltura) tal-10 ta' Lulju 2023. Il-Grupp ta' Ħidma kompli bl-eżami tal-proposta f'16-il laqgħa addizzjonali taħt il-Prezidenza Spanjola, Belġjana, Ungeriża u dik Pollakka.
6. Fl-14 ta' Marzu 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat għall-Prezidenza biex tidħol f'negozjati informali mal-Parlament Ewropew⁵. Abbażi ta' dan, saru negozjati mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari. Fit-12 ta' Novembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti pprova lill-Prezidenza bi flessibbiltajiet dwar kwistjonijiet miftuħa ewlenin⁶.

¹ 11592/23 + ADD 1

² 14926/23

³ 9226/24

⁴ 10952/24

⁵ 6426/25

⁶ 14579/25

7. Saru trilogi fis-6 ta' Mejju, l-14 ta' Ottubru, it-13 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru 2025 taħt il-Prezidenza Pollakka u dik Daniża. Il-koleġiżlaturi laħqu ftehim proviżorju ġenerali fl-aħħar trilogu. Dak il-ftehim ġie sussegwentement ikkonsolidat f'test ta' kompromess finali.
8. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali u kkonferma l-qbil⁷.
9. Fit-28 ta' Jannar 2026, il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew ivvota favur it-test ta' kompromess finali. Fit-28 ta' Jannar 2026, il-President tal-Kumitat ENVI indirizza ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti⁸ fejn iddikjara li, jekk il-Kunsill jibgħat lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula, soġġetta għal reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, hu kien ser jirrakkomanda lill-Plenarja biex il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament. It-test anness mal-ittra jikkorrispondi mat-test appoġġat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-19 ta' Diċembru 2025.

II. OBJETTIV

10. Mill-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) fl-2001, kien hemm progress sostanzjali fl-iżvilupp tal-NGTs li jippermettu bidliet aktar immirati, preċiżi u rapidi fil-karatteristiċi ġenetiċi tal-pjanti, meta mqabbla ma' tekniki ta' tnissil konvenzjonali.
11. Il-proposta għandha l-għan li tippermetti lis-settur agroalimentari tal-UE jikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' innovazzjoni u sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, għall-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-istrateġija għall-Bijodiversità, u li ssaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li żżomm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

⁷ 16659/25, 16660/25

⁸ 6131/26

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

12. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom kien hemm qbil bejn il-koleġiżlaturi:
13. L-**istruttura ġenerali** tal-proposta tal-Kummissjoni hija ppreservata, u tidistingwi żewġ kategoriji differenti ta' pjanti NGT.
14. Il-kategorija 1 tinkludi pjanti NGT li huma ekwivalenti għal pjanti konvenzjonali, jiġifieri l-modifika ġenetika introdotta permezz tal-NGTs tista' ssejtn ukoll b'mod naturali jew tinkiseb permezz ta' tniissil konvenzjonali. Pjanti bħal dawn huma soġġetti għal proċedura ta' verifika, li fiha awtorità nazzjonali kompetenti jew il-Kummissjoni tistabbilixxi li huma tabilħaqq ekwivalenti għal pjanti konvenzjonali. Ladarba jiġu kkonfermati, il-pjanti NGT tal-kategorija 1 ikunu eżentati mir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM.
15. Il-kategorija 2 tinkludi pjanti NGT b'modifiki aktar kumplessi li ma fihomx DNA barrani. Pjanti bħal dawn huma soġġetti għal proċedura ta' notifika jew proċedura ta' awtorizzazzjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM. B'kuntrast mal-pjanti ġenetikament modifikati li fihom DNA barrani, il-pjanti NGT tal-kategorija 2 jibbenefikaw minn derogi limitati mil-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-monitoraġġ huma aktar flessibbli u jistgħu jiġu adattati skont il-profil tar-riskju tal-pjanti.
16. Dwar il-**kriterji tal-ekwivalenza** tal-pjanti NGT tal-kategorija 1 mal-pjanti konvenzjonali, jinżammu l-elementi ewlenin kemm tal-mandat tal-Parlament kif ukoll tal-mandat tal-Kunsill. Dawk l-elementi jinkludu t-tipi ta' modifiki ġenetiċi, limitu għad-daqs ta' ċerti modifiki, kif ukoll limiti għall-għadd ta' modifiki ġenetiċi f'kull sekwenza ta' kodifikazzjoni tal-proteini u f'kull pjanta. Il-limitu ġenerali f'kull pjanta jqis l-għadd ta' settijiet ta' kromożomi, biex jirrifletti l-kumplessità tal-ġenomi tal-pjanti.

17. Minbarra l-kriterji ta' ekwivalenza għall-pjanti konvenzjonali, ġew introdotti kriterji relatati mas-**sostenibbiltà** għall-pjanti NGT biex jikkwalifikaw għall-kategorija 1, bħala lista negattiva (jew lista ta' esklużjoni) ta' karatteristiċi f'anness ġdid tar-Regolament. Il-karatteristiċi fuq il-lista negattiva huma meqjusa li għandhom effetti negattivi potenzjali fir-rigward tas-sostenibbiltà. Jekk waħda mill-karatteristiċi li għandha l-pjanta NGT u li hija maħsuba biex titwassal mill-modifikazzjoni ġenetika tkun f'dik il-lista, il-pjanta NGT tiġi eskluża mill-kategorija 1 u għalhekk tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, traċċabbiltà u monitoraġġ kif ukoll dispożizzjonijiet oħra dwar il-pjanti NGT tal-kategorija 2.
18. In-notifikaturi u l-applikanti għall-pjanti NGT tal-kategorija 2 jistgħu jibbenefikaw minn ċerti inċentivi regolatorji bħal proċedura aċċellerata għall-valutazzjoni tar-riskju, eżenzjonijiet mit-tariffi u pariri mtejba ta' qabel is-sottomissjoni, jekk waħda mill-karatteristiċi li għandha l-pjanta NGT u li hija maħsuba biex titwassal mill-modifika ġenetika jkollha l-potenzjal li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sostenibbiltà.
19. Għadd ta' salvagwardji jindirizzaw it-tfassil dwar l-impatti negattivi potenzjali tal-**privattivi** tal-pjanti NGT u l-prattiki relatati ta' liċenzjar u trasparenza, eż. fir-rigward tal-aċċess tan-nissjela għal materjal u tekniki bijoloġiċi tal-pjanti, u r-riskji ta' konċentrazzjoni tas-suq.
20. Il-kompromess jipprevedi Kodiċi ta' Kondotta b'ċerti impenji mis-sidien tal-privattivi u l-pjattaformi ta' liċenzjar. Filwaqt li l-Kodiċi huwa volontarju fin-natura tiegħu, il-Kummissjoni għandha teżerċita sorveljanza fit-tfassil tal-Kodiċi, timmonitorja l-funzjonament tiegħu u, jekk xieraq, tiegħu azzjoni ulterjuri inkluż billi tipproponi miżuri leġiżlattivi.
21. It-trasparenza, l-aċċess u ċ-ċertezza legali jissaħħu wkoll permezz tas-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar privattivi jew applikazzjonijiet ippubblikati għal privattivi kif ukoll ta' dikjarazzjoni dwar ir-rieda tad-detenturi tal-privattivi li jilliċenzjaw b'termini ġusti u raġonevoli, li għandha tiġi sottomessa mat-talba għal verifika għall-istatus tal-NGT tal-kategorija 1 u ssir pubblika f'bażi tad-data.

22. Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida għall-fini li tassisti lill-operaturi fi kwistjonijiet relatati mal-proprjetà intellettwali tal-pjanti, tistabbilixxi grupp ta' esperti dwar il-privattivi tal-pjanti NGT, u tivvaluta l-impatt tal-privattivi tal-pjanti, il-karatteristiċi u t-tekniki NGT kif ukoll il-prattiki relatati ta' liċenzjar u trasparenza.
23. Il-pjanti NGT tal-kategorija 1 huma eżentati mir-rekwiżiti tat-**tikkettar**, minbarra għall-materjal riproduttiv tal-pjanti NGT tal-kategorija 1. Ir-rekwiżiti tat-tikkettar tal-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM ikompli japplikaw għall-pjanti NGT tal-kategorija 2.
24. La l-pjanti jew il-prodotti NGT tal-kategorija 1 u lanqas dawk tal-kategorija 2 ma jistgħu jintużaw fil-produzzjoni **organika**, minkejja l-eżenzjoni tal-pjanti u l-prodotti NGT tal-kategorija 1 mir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM. Madankollu, il-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabli tal-pjanti u l-prodotti NGT tal-kategorija 1 fil-produzzjoni organika ma għandhiex tikkostitwixxi nuqqas ta' konformità mar-Regolament dwar il-Prodotti Organiċi⁹.
25. Il-**miżuri ta' koeżistenza** għall-pjanti NGT tal-kategorija 2 jibqgħu fakultattivi għall-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri jżommu l-possibbiltà li **jagħżlu li ma jipparteċipawx fil-kultivazzjoni** tal-pjanti NGT tal-kategorija 2 fit-territorju tagħhom. L-istatus quo tar-regoli eżistenti dwar l-OĠM għalhekk ikompli japplika għall-pjanti NGT tal-kategorija 2 f'dan ir-rigward.
26. Artikolu dwar il-**kontrolli** mill-Istati Membri jipprovdi riassigurazzjoni fir-rigward tal-infurzar effettiv tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-NGT, mingħajr ma jintroduċi obbligi ġodda għall-Istati Membri lil hinn mill-obbligi ta' kontroll mil-leġiżlazzjoni eżistenti.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

27. Il-programm ta' **monitoraġġ** ġenerali huwa msaħħaħ fir-rigward tal-impatt tal-privattivi tal-pjanti, il-karatteristiċi u t-tekniki NGT, kif ukoll Prattiki relatati ta' liċenzjar u trasparenza; l-impatt tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-NGT fuq is-settur organiku; u l-impatt tas-sostenibbiltà tal-pjanti NGT.
28. Dwar il-maġġoranza l-kbira tal-elementi nnegozjati matul it-trilogi, il-koleġiżlaturi setgħu jsibu formulazzjoni ta' kompromess. Xi drabi, il-Kunsill aċċetta fil-pożizzjoni tiegħu stess elementi tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, bħall-esklużjoni mill-kategorija 1 ta' "tolleranza għall-erbiċidi" bħala karatteristika maħsuba mogħtija mill-modifika ġenetika. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill ma setax jaċċetta ċerti elementi tal-pożizzjoni tal-Parlament, bħarekwiżiti tat-tikkettar għall-pjanti u l-prodotti NGT tal-kategorija 1 tul il-katina alimentari. Madankollu, dan tqies aċċettabbli mill-koleġiżlaturi fid-dawl tal-pakkett ta' kompromess ġenerali nnegozjat u maqbul fl-aħħar trilogu, li kien jinkludi konċessjonijiet miż-żewġ naħat b'mod partikolari fl-oqsma tar-ekwiżiti relatati mas-sostenibbiltà u tal-privattivi tal-pjanti NGT.

IV. KONKLUŻJONIJIET

29. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
30. Għalhekk, il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament ser jikkontribwixxi biex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni, tiżdied is-sostenibbiltà, tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-UE, u jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.